

Brussell, 17 ta' Lulju 2023
(OR. en)

11827/23

AGRI 407
AGRIFIN 86
AGRIORG 86

NOTA

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Is-sitwazzjoni tas-suq b'mod partikolari wara l-invażjoni tal-Ukrajna
- *Informazzjoni mill-Kummissjoni u l-Istati Membri*
- *Skambju ta' fehmiet*

Bil-ħsieb tal-laqgħa tal-Kunsill (Agrikoltura u Sajd) tal-25 ta' Lulju 2023, id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness dokument tal-Presidenza dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq li jinkludi mistoqsijiet biex id-dibattitu ministerjali jingħata kuntest.

Is-sitwazzjoni tas-suq b'mod partikolari wara l-invażjoni tal-Ukrajna

Wara l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja fi Frar 2022, sar evidenti li hemm bżonn li jissaħħa l-għarfien dwar id-disponibbiltà ta' materja prima bażika essenzjali għas-sigurtà tal-ikel fl-Unjoni Ewropea. L-objettiv huwa li tiġi promossa t-trasparenza fis-suq intern u li jiġu vvalutati l-miżuri u l-azzjonijiet xierqa li għandhom jiġu implimentati f'każ ta' tfixkil potenzjali fil-kanali kummerċjali ta' dawn il-materjali.

Fir-rigward tas-sitwazzjoni internazzjonali, fir-rapport tiegħu ta' Ġunju l-Kunsill Internazzjonali ta' Ċereali (ICC) naqqas b'2Mt it-tbassir għall-produzzjoni globali ta' ċereali għall-istaġun 2023/24, u b'hekk baxxieh għal 2.292Mt. Dan it-tnaqqis fil-produzzjoni dinjija huwa riżultat ta' kundizzjonijiet tat-temp mifruxa u xotti żżejjed, li kellhom impatt negattiv fuq ir-rendimenti globali.

Minkejja dawn l-isfidi, it-tbassir tal-produzzjoni kumulattiv ta' ċereali huwa mistenni jkun biss ftit aktar baxx mir-rekord stabbilit sentejn ilu, meta laħaq 2.295 miljun tunnellata. Madankollu, il-konsum imbassar huwa mistenni jaqbeż il-produzzjoni, li jwassal għal tnaqqis ta' 2.5 % fl-istokkijiet ta' tmiem l-istaġun meta mqabbel mal-istaġun preċedenti.

Din is-sitwazzjoni ta' stokkijiet imnaqqa, flimkien mal-inċertezza dwar it-tiġdid tal-Ftehim dwar il-Kuritur ta' Ċereali tal-Baħar l-Iswed, tfisser li l-volatilità ser tibqa' l-kundizzjoni prevalenti fis-swieq ta' ċereali bażiċi tad-dinja.

Min-naħa l-oħra, sabiex ikun hemm għodod li jistgħu jgħinu biex itaffu l-volatilità u jtejbu l-għarfien dwar is-sitwazzjoni tal-istokk fil-livell tal-UE, fid-19 ta' Mejju 2022 ġie adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/791. Dan ir-regolament jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1185 fir-rigward tan-notifika tal-livelli tal-istokkijiet ta' ċereali, taż-żrieragħ żejtnin u tar-ross. Dan jintroduċi l-obbligu li minn Lulju 2022 din l-informazzjoni mis-settur agrikolu tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni Ewropea.

Wara l-istabbiliment ta' dan il-qafas ġdid ta' monitoraġġ tal-istokkijiet, is-sistema tiġi mmonitorjata matul il-laqgħat tal-Grupp ta' Esperti dwar is-suq agrikolu, u l-Kummissjoni tirrapporta regolarment dwar l-istatus tal-komunikazzjonijiet mill-Istati Membri.

Sena wara l-implimentazzjoni tal-monitoraġġ tal-istokk ta' kull xahar, huwa utli li jiġu evalwati l-effettività u l-utilità tiegħu.

B'kont meħud ta' dan il-kuntest u l-bidu tas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni għal ħafna prodotti agrikoli bażiċi essenzjali, u sabiex jiġu ffaċilitati diskussjonijiet kostruttivi fil-Kunsill, qed jiġu proposti l-mistoqsijiet li ġejjin:

- 1. L-Istati Membri kif jipperċepixxu s-sitwazzjoni tas-suq abbażi tal-istimi tal-ħsad tagħhom tal-2023 u l-kuntest ġeopolitiku meta wieħed iqis li l-kampanja taċ-ċereali u ż-żrieragħ żejtnija bdiet fl-1 ta' Lulju? X'inhuma l-isfidi li qed jantiċipaw l-Istati Membri fuq perjodu ta' żmien medju u twil?*
- 2. X'esperjenza u aspettattivi għandhom l-Istati Membri dwar dak li tikkontribwixxi s-sistema l-ġdida ta' monitoraġġ tal-istokkijiet biex tissaħħaħ it-trasparenza tas-suq? Liema għodod oħra tqisu li huma xierqa għal fehim aħjar tas-suq, b'mod partikolari biex jiġu antiċipati sitwazzjonijiet ta' kriżi potenzjali?*